**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 212/2020 AGV ;</u>**

**AB**

**U**

**CB D**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet AB u CB D,** datat 14 ta' Lulju 2020, fejn esponew bir-rispett;

1. Il-partijiet zzewegu fit- 8 ta' Settembru 1996, fil-Knisja ta' San Frangisk, il-Hamrun u dan kif jirrizulta mill-att taz-zwieg relattiv, illi qed jigi anness flimkien ma' dal-att u immarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldet EB D fil- 25 ta' Ottubru 2006, u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness, u mmarkat Dok. B;

3. Illi permezz tad-digriet datat 5 ta' Gunju 2020, dina l-Onorabbli Qorti debitament awtorizzat il-partijiet sabiex jersqu ghall-kuntratt ta' separazzjoni. Kopja ta' tad-digriet u kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn annessi u mmarkati Dok. C u Dok. D rispettivament;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-patijiet stante illi dawn ilhom jghixu de facto seperati ghal izjed minn erba' snin u cjoe' minn qabel s-sena 2016. Illum il-gurnata, il-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi jiddikjaw illi huma ftehmu li ma hemm l-ebda manteniment dovut bejniethom u ghalhekk m' hemm l-ebda pendenza rigward manteniment bejniethom. Huma jerghhu jiddikjaraw li huma kuntenti b' dak pattwit fil-kuntratt tas-seperazzjoni.
6. Illi l-partijiet jixtiequ li tigi ppronunzjata d-divorzju bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant huma umilment jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-atikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat- 30 ta' Lulju 2020 dehru l-partijiet li kkonfermaw bil-gurament taghhom li huma ilhom mifrudin minn xulxin ghal mawdar sitt snin u li l-kuntratt ta' seperazzjoni esebit mar-rikors, ghadu ma giex ffirmat minhabba

malintiz mal-Bank rigwardanti loan pendenti ta' tmint elef Ewro. Il-Qorti rat li ir-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew sodisfatti, ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**